# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha, 17 ta' Marzu 2000

**Numru 21**

**Citaz. numru 197/84 DS**

Frank Borg u Paolo Zammit bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Frucop Limited
vs
Carmelo Micallef

Illum, 17 ta' Marzu 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Frar 1984 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew illi s-socjeta' attrici fis-17 ta' Ottubru 1983 bieghet u kkonsenjat lill-konvenut mija u ghoxrin (120) kaxxa banana u dana skond invoice numru 3282 mahrug mis-socjeta' attrici fl-istess data (Dok. A) ghall-prezz ta' erba mija u sitta u ghoxrin lira, erba u tmenin centezmu (Lm426.84).

Illi l-kumpanija attrici kienet regghet bieghet lill-konvenut hamsin (50) kaxxa ohra banana ghall-prezz ta' Lm177.85 skond invoice numru 3063 (Dok. B) biex b'kollox ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta' Lm604.69 (sitt mija u erba liri u disgha u sittin centezmu).

Illi sallum il-konvenut ghalkemm interpellat ihallas baqa' inadempjenti.

talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza biex tikkundanna lill-konvenut:

1. ihallas lill-atturi nomine is-somma msemmija ta' sitt mija u erba liri u disgha u sittin centezmu (Lm604.69) prezz ta' mija u sebghin kaxxa banana lilu mibjugha u kkonsenjata kif fuq intqal.

Bl-ispejjez u bl-interessi kummercjali kontra l-konvenut li jibqa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi l-ammont pretis mill-atturi mhux dovut peress li l-banana mibjugha u konsenjata lill-konvenut ma kienitx skond il-kwalita u l-ftehim pattwit.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota tal-konvenutipprezentata fit-18 ta’ Gunju 1999 li permezz taghha ammetta it-talba attrici u ceda l-kontro-talba;

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kontro-talba tal-konvenut u, fuq ammissjoni tal-konvenut, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi nomine s-somma ta’ Lm604.69 kif mitlub bl-imghax relattiv. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

ONOR. IMHALLEF
DOTTOR DAVID SCICLUNA

D/REGISTRATUR